

# IKTAR APPOĠĠ

## LILL-FAMILJI B'ULIED JISTUDJAW

**9,600 familja** se jitħallsu **€5.2 miljun**

GVERN TA' MALTA

# Min se jirċievi l-benefiċċju?

IKTAR APPOĠĠ
LILL-FAMILJI B'ULIED JISTUDJAW

Għall-ewwel darba fi tmiem din il-ġimgħa
se jsir il-**ħlas tal-Allowance Speċjali għall-familji**
bi studenti post-sekondarji li ser titħallas lil:

- **Ġenituri** (inkluż addottivi jew li jiffosterjaw) sakemm uliedhom studenti ikunu qed jgħixu taħt l-istess saqaf magħhom; u
- **Studenti** li jkunu qed jgħixu waħedhom jew fi djar residenzjali.

L-istudji post-sekondarji iridu jkunu full-time jew ikkunsidrati full-time.

# Kemm se jitħallsu?

IKTAR APPOĠĠ
LILL-FAMILJI B'ULIED JISTUDJAW

Kif kien tħabbar fil-Budget 2024, il-pagament tal-Allowance Speċjali għall-familji bi studenti post-sekondarji se jkun ta' **€500 fis-sena** u jitħallas sa massimu ta' tliet (3) snin.

B'kollox se jibbenefikaw mad-**9,600 familja** fl-ewwel pagament b'investiment soċjali ta' kważi €5.2 miljun.

Aktar minn **800 familja** minnhom se jieħdu **ħlas għal aktar minn wild wieħed**.

# Twessigħ tal-miżura



Ta' min jgħid li skont il-Budget 2024 kellhom jibbenefikaw dawk bi tfal bejn 16 u 19-il sena li jkunu jistudjaw u jieħdu ħlas sa €500 kull sena sa massimu ta' tliet (3) snin.

Iżda wara li kkunsidrajna sitwazzjonijiet ta' studenti li jew ikunu irrepetew sena sekondarja, jew ikunu ħadu 'gap year', jew minħabba sitwazzjonijiet ta' mard jew problemi oħra, u allura jibdew l-istudji post-sekondarji tagħhom aktar tard, **il-kriterji twessgħu sabiex kull min meta tkun bdiet is-sena skolastika ma jkunx għalaq 20 sena, jibbenefika ukoll**.

# Twessigħ tal-miżura

IKTAR APPOĠĠ
LILL-FAMILJI B'ULIED JISTUDJAW

**Il-miżura twessgħet ukoll għal studenti li jkunu qed jgħixu għal rashom**, skont kif kien imwiegħed fil-manifest elettorali.

Se jkun hemm titjib ieħor fil-miżura kif se jkun qed iħabbar il-Prim Ministru fi ftit tal-ħin ieħor. B'dan it-tibdil kull min jinsab fl-edukazzjoni post-sekondarja u kien għad m'għandux 20 sena meta bdiet is-sena skolastika, **se jibbenefika wkoll mill-massimu ta' tliet (3) pagamenti ta' €500 fis-sena** sakemm jibqa' fl-edukazzjoni post-sekondarja.

# Kif ser isiru l-pagamenti fit-tliet snin li ġejjin?

IKTAR APPOĠĠ
LILL-FAMILJI B'ULIED JISTUDJAW

| Data tat-twelid tal-istudent | Sena skolastika | Fażi ta' studju | Sena skolastika |
|---|---|---|---|
| Bejn l-1 ta' Ottubru 2003 u 30 ta' Settembru 2004 | 2023/24<br>**2024/25**<br>**2025/26** | Post-sekondarju u/jew terzjarju | €500 fl-2024<br>**€500 fl-2025**<br>**€500 fl-2026** |
| Bejn 1 ta' Ottubru 2004 u 30 ta' Settembru 2005 | 2023/24<br>2024/25<br>**2025/26** | Post-sekondarju u/jew terzjarju | €500 fl-2024<br>€500 fl-2025<br>**€500 fl-2026** |
| Bejn 1 ta' Ottubru 2005 u 30 ta' Settembru 2007 | 2023/24<br>2024/25<br>2025/26 | Post-sekondarju u/jew terzjarju | €500 fl-2024<br>€500 fl-2025<br>€500 fl-2026 |

Studenti li twieldu wara jibqgħu jidħlu għal ċiklu ta' tliet (3) pagamenti fuqtliet (3) snin bl-istess metodu.

# Il-benefiċjarji tal-allowance huma maqsuma f'erba' (4) gruppi

IKTAR APPOĠĠ
LILL-FAMILJI B'ULIED JISTUDJAW

a. **Studenti li jgħixu mal-ġenituri** - Pagament ser joħroġ fuq il-ġenitur

b. **Studenti f'Foster Care** - Pagament joħroġ fuq il-ġenitur li qed jiffosterja

c. **Studenti li jgħixu waħidhom** – Pagament joħroġ fuq l-istudent

d. **Studenti li jgħixu fi djar residenzjali** – Pagament joħroġ fuq l-istudent

Jekk l-istudent ikun jattendi kors ta' studju post-sekondarju f'istituzzjoni edukattiva tal-Gvern ma hemmx għalfejn issir applikazzjoni. L-informazzjoni qed tinġabar u tiġi pproċessata b'mod awtomizzat, bil-koperazzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u bil-kollaborazzjoni tal-MITA.

# Kriterji tal-eliġibilità

IKTAR APPOĠĠ
LILL-FAMILJI B'ULIED JISTUDJAW

- Ġenituri residenti f'Malta għal mill-inqas l-aħħar ħames (5) snin ta' studenti li jgħixu magħhom u li meta bdiet is-sena skolastika kellhom mill-anqas 16-il sena u kienu għadhom m'għalqux 20 sena;
- L-istess kriterji japplikaw għal studenti fostered jew li jgħixu waħidhom jew fi djar residenzjali;
- L-istipendju tal-istudent ma jiġix affetwat u ma jaffetwax id-dritt għall-benefiċċju;
- Din l-allowance m'għandhiex test tal-mezzi;
- L-istudenti jista' jkollhom impjieg part-time sakemm ikunu studenti full-time, jew f'kors ikkunsidrat full-time;

# Studenti oħrajn li jistgħu jgawdu

IKTAR APPOĠĠ
LILL-FAMILJI B'ULIED JISTUDJAW

Studenti li ma jkunux jattendu f'istituzzjoni edukattiva tal-Gvern iżda f'istituzzjoni edukattiva għolja li tkun rikonoxxuta mill-Awtorità Maltija tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) ukoll jistgħu jibbenefikaw.

Ġenituri li wliedhom ma jattendux istituzzjoni edukattiva tal-Gvern, jew studenti li jgħixu waħidhom wkoll li ma jattendux istituzzjoni edukattiva tal-Gvern, għandhom japplikaw billi jżuru s-sit elettroniku tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali https://socialsecurity.gov.mt/en fejn hemm isibu wkoll id-dikjarazzjoni li trid timtela' mill-Kap tal-Istituzzjoni edukattiva kkonċernata u jekk jissodifaw il-kriterji ġenerali, jirċievu l-benefiċċju wkoll.

# Approċċ Integrat

IKTAR APPOĠĠ
LILL-FAMILJI B'ULIED JISTUDJAW

**L-edukazzjoni hija responsabbiltà kollettiva** li tirrikjedi l-isforz u l-impenn ta' diversi partijiet ikkonċernati.

Din l-iskema hija eżempju ċar tal-ħidma bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Ministeru għall-Politika Soċjali - eżempju tanġibbli ta' approċċ integrat tas-servizz pubbliku li se jservi ta' sostenn għall-ġenituri.

# Persuna fiċ-Ċentru

IKTAR APPOĠĠ
LILL-FAMILJI B'ULIED JISTUDJAW

## Nemmnu bis-sħiħ fl-importanza tal-edukazzjoni u fit-tagħlim tul il-ħajja.

Il-persuna hija fiċ-ċentru ta' dak kollu li nagħmlu.

Din hija parti mit-trasformazzjoni li għaddejja bħalissa fis-sistema edukattiva permezz tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni 2024 -2030 li tiffoka fuq il-Benesseri, Tkabbir u Emanċipazzjoni, Ekwità u Inklużjoni. Ħa nkunu qed nagħtu opportunitajiet xierqa lil kulħadd bil-għan li nnaqsu d-differenzi u l-inugwaljanzi.

Din l-iskema se tgħin biex l-istudenti jilħqu l-aspettattivi u l-aspirazzjonijiet tagħhom għall-kwalità ta' ħajja aħjar.



# IKTAR APPOĠĠ

LILL-FAMILJI B'ULIED JISTUDJAW

GVERN TA’ MALTA